## PROĊEDURA

## 1 OBJETTIV

1.1 L-iskop ta’ dawn il-proċeduri huwa li jispjegaw id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta’ Arretrati dwar id-Drittijiet ta’ Liċenzji ta’ Vetturi bil-Mutur, bl-iskop li jitnaqqas u jiġi kontrollat in-numru ta’ vetturi mingħajr liċenzja fuq in-netwerk tat-toroq f’Malta.

## 2 SKEMI TA’ REGOLARIZZAZZJONI

**2.1 Vettura li hija meqjusa bħala li ĠIET SKRAPPJATA jew li tkun se TIĠI SKRAPPJATA u li għandha liċenzja tat-triq skaduta IŻDA s-sid tagħha naqas milli jitlob lil Transport Malta biex tħassar ir-reġistrazzjoni ta’ dik il-vettura**

F’konformità mar-regolamenti, s-sidien ta’ vetturi li jkunu ħelsu mill-vettura tagħhom billi skrappjawha jew li għandhom il-ħsieb li jiskrappjaw il-vettura tagħhom, u qatt ma avżaw b’dan jew taw lura ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni u l-pjanċi tar-reġistrazzjoni lil Transport Malta jistgħu jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom. Il-multi amministrattivi ta’ €2 kuljum jew €10 fix-xahar li jkunu japplikaw jiġu mħassra. Jekk ma jkun hemm dovuti l-ebda ħlasijiet ta’ multi għal kontravenzjonijiet jew drittijiet pendenti tas-CVA fir-rigward tal-vettura, l-arretrati kollha dovuti fi drittijiet ta’ liċenzja jiġu mħassra, **IŻDA** jekk ikun hemm ħlasijiet ta’ multi għal kontravenzjonijiet jew drittijiet tas-CVA pendenti fir-rigward tal-vettura, is-sid ikun irid iħallas dawk l-arretrati **KOLLHA** dovuti sad-data tal-aħħar kontravenzjoni
Is-sid tal-vettura jista’ jmur fit-Taqsima DVLU, Transport Malta, A3 Towers, Triq l-Arkata, Paola JEW Transport Malta, DVLU, Triq Pantar, Lija mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-07.30 u -13:00 u jippreżenta dawn id-dokumenti li ġejjin:

- VEH 44 (Formola għar-Regolarizzazzjoni)
- Iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura[1] (il-*Log Book*) u l-pjanċi tal-vettura[1]
- Dikjarazzjoni maħlufa/affidavit iffirmata/iffirmat minn Nutar bħala konferma li l-vettura hija skrappjata u ma kinitx qiegħda tiġi użata fit-triq wara d-data li fiha tkun skadiet l-aħħar liċenzja jew l-ahhar kontravenzjoni. - -F’kaz li l-vettura giet mibjugha lil terzi persuni, timtela formola ta‘ dikjarazzjoni VEH 39

[1.] Jekk iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew il-pjanċi tar-reġistrazzjoni ntilfu/mhux magħruf fejn jinsabu/insterqu sid il-vettura jkollu jimla u jiffirma l-Formola ta’ Dikjarazzjoni VEH 39.

***NOTA: Jekk is-sid ikollu l-ħsieb jiskrappja l-vettura, huwa għandu l-ewwel jieħu l-vettura f’faċilità ta’ trattament awtorizzata u l-vettura tiġi skrappjata. Il-faċilità awtorizzata toħroġ ċertifikat ta’ distruzzjoni.***

**L-indirizz tal-faċilitàjiet ta' trattament awtorizzati huma:**

**Tar-Robba Recycling Centre Ltd.**
**Limits of Kirkop**
**Tel No: 21683558, 99457162, 99493311**
**email: johnghigo53@gmail.com**

**Fredu Auto Parts**
**Plot, 6&7, Nassab Street, Qormi**
**Tel No: 27492222 / 99490220**
**email: freduautoparts@melita.com**

**LCK**
**Triq tas-Sriedek, Mosta**
**Tel No: 79446697**
**email: lckgarage@hotmail.com**

**Gasparell Baling Plant Ltd**
**Ħal Far Ind Estate, B'Bugia**
**Tel No: 21651475, 99495236**
**email: gasparell.b@gmail.com**

**ELA Ltd. 31,**
**Wied Ghammieq Road, Kalkara**
**Tel No: 21896023, 99495035, 99477294**
**email: ela@onvol.net**

**Auto Check Ltd**
**19/20, Triq l-Inginerija ma' Triq l-Iskola Teknika, Mriehel, Birkirkara**
**Tel No: 21444441, 79444441**
**email: repairs@met.com.mt**

**MANGI RECYCLING**
**Level -2, Garage 18,**
**Bartmik Industrial Zone,**
**Triq Sqaq l-Mithna, Qrendi**
**Tel No: 79333194**
**email: mangizurrieq@gmail.com**

**Jac Steel Ltd**
**Industrial Estate**
**Triq Giuzeppe Garibaldi, Marsa, MRS 2591,**
**Tel No: 79664749**
**Email: sales@jacsteel.com**

**Trihills Heavy Industries Ltd,**
**Triq tal-Barrani, Ghaxaq, GXQ 9020**
**Tel No: 79493314**
**Email: info@trihills.com**
**accounts@trihills.com**

**Roc-A-Go Services Ltd**
**Triq Tal-Barrani, Zejtun, ZTN9023**
**Tel No: 21697766**
**Email: rocagoltd@gmail.com**

**Drittijiet li għandhom jitħallsu:**

- €125.00 – Dritt għall-Ipproċessar ta' l-Applikazzjoni
- €20.00 – Dritt ghall-Iprocessar ta' l-Applikazzjoni ghall-vetturi b'aktar minn 8 snin licenzji b'arretrati. Din ma tapplikax jekk ikun hemm ħlasijiet ta' multi għal kontravenzjonijiet.
- Dritt amministrattiv ta' €10.00 għall-proċess biex titħassar ir-reġistrazzjoni tal-vettura
- Dritt amministrattiv ta' €150 jekk il-vettura ġiet imneħħija, mingħajr ma ġiet awtorizzata, wara l-ewwel ta' Novembru 2013, trid titħallas.
- Dritt amministrattiv ta' €8.00 għad-Dikjarazzjoni (jekk applikabbli)

## 2.2 Sid il-vettura jkollu l-ħsieb li JIGGARAXXJA l-vettura tiegħu u l-vettura jkollha liċenzja tat-triq li tkun skadiet IŻDA s-sid ikun naqas li jinforma b'dan lil Transport Malta

F'konformità mar-regolamenti, individwi li jkunu ggaraxxjaw vettura u jkollhom il-ħsieb li jżommuha hekk garaxxjata jistgħu jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom u jibbenefikaw minn tnaqqis ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-arretrati ta' drittijiet ta' liċenzji dovuti fir-rigward ta' dik il-vettura. Il-multi amministrattivi ta' €2 kuljum jew €10 fix-xahar li jkunu japplikaw jiġu mħassra sad-data li fiha l-vettura tkun ġiet iggaraxxjata. Jekk ma jkunx hemm multi għal kontravenzjonijiet jew drittijiet tas-CVA x'jitħallsu, sid il-vettura jħallas 50% tal-arretrati KOLLHA dovuti, **IŻDA** jekk ikun hemm ħlasijiet ta' multi għal kontravenzjonijiet jew drittijiet tas-CVA pendenti fir-rigward

tal-vettura, is-sid ikun irid iħallas dawk l-arretrati **KOLLHA** dovuti sad-data tal-aħħar kontravenzjoni.

Sid il-vettura jista' jmur fit-Taqsima -DVLU, Transport Malta, A3 Towers, Triq L-Arkata, Paola, JEW Transport Malta, DVLU, Triq Pantar, Lija mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-07.30 u -13:00 u jippreżenta dawn id-dokumenti li ġejjin:

- VEH 44 (Formola għar-Regolarizzazzjoni)
- Iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura[2] (il-*Log Book*) u l-pjanċi tal-vettura[2]
- Dikjarazzjoni maħlufa/affidavit iffirmata/iffirmat minn Nutar bħala konferma li l-vettura kienet iggaraxxjata u ma kinitx qiegħda tiġi użata fit-triq wara d-data li fiha tkun skadiet l-aħħar liċenzja jew l-ahhar kontravenzjoni.

[2.] Jekk iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew il-pjanċi tar-reġistrazzjoni ntilfu/mhux magħruf fejn jinsabu/insterqu, sid il-vetturi jkollu jimla u jiffirma l-Formola ta' Dikjarazzjoni VEH 39.

**Drittijiet li jridu jitħallsu:**

- €125.00 – Dritt għall-Ipproċessar tal-Applikazzjoni
- 50% tal-arretrati ta' drittijiet tal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni annwali
- Dritt amministrattiv ta' €10.00 għall-proċess biex il-vettura tiġi garaxxjata
- Dritt amministrattiv ta' €8.00 għad-Dikjarazzjoni (jekk applikabbli)

***Taħt din l-iskema (biex il-vettura tiġi garaxxjata) il-vettura jkollha restrizzjoni fis-sens li ma tinħarġilhiex liċenzja u ma tkunx tista' tintuża fit-triq għal perjodu ta' tliet xhur mid-data li l-vettura tiġi garaxxjata***

---

## 2.3 Vettura b'liċenzja tat-triq skaduta

F'konformità mar-regolamenti, individwi li għandhom arretrati ta' drittijiet tal-liċenzja xi jħallsu kif ukoll penali amministrattivi relatati u għandhom il-ħsieb jużaw il-vettura fit-triq jistgħu jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom billi jħallsu l-arretrati kollha dovuti fi drittijiet tal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni. Il-multi amministrattivi ta' €2 kuljum jew €10 fix-xahar li jkunu japplikaw jiġu mħassra sad-data li fiha l-vettura tinħarġilha l-liċenzja ġdida. Sid il-vettura jħallas l-arretrati kollha dovuti.

Sid il-vettura jista' jmur fit-Taqsima tal-Liċenzji tal-Vetturi, Transport Malta, A3 Towers, Arcade Street, Paola, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-07:30 u 13:00 u jippreżenta dawn id-dokumenti li ġejjin:

- Polza ta' assigurazzjoni valida
- Ċertifikat tat-test validu li juri li l-vettura hija tajba għat-triq (jekk applikabbli)
- VEH 44 (Formola għar-Regolarizzazzjoni)

**Drittijiet li jridu jitħallsu:**

- €125.00 – Dritt għall-Ipproċessar tal-Applikazzjoni
- L-arretrati kollha ta' drittijiet tal-liċenzja ta' ċirkolazzjonijiet annwali
- Il-multi għal kontravenzjonijiet u drittijiet tas-CVA jridu jitħallsu kollha qabel ma l-vettura tinħarġilha liċenzja ġdida.

## 3 KIF GĦANDU JSIR IL-ĦLAS

3.1 Ħlasijiet b'ċekk għandhom jinħarġu fuq Transport Malta u jekk dawk il-ħlasijiet jammontaw għal iżjed minn €1,500, il-ħlas irid isir fi -, *Draft* Bankarju, Karta ta' Kreditu jew Karta ta' Debitu.

## 4 NOTI

4.1 Jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn it-transazzjoni ma ssirx u dan għaliex ikun hemm xi restrizzjonijiet imposti fuq il-vettura. Kull każ ikun irid jiġi proċessat separatament.

4.2 Il-formoli kollha msemmija hawn qabel jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-Awtorità: **www.transport.gov.mt**

4.3 Jekk vettura ġiet scrapped, mingħajr awtorizzazzjoni ta' l-Awtorita, wara l-ewwel ta' Novembru 2013, trid titħallas miżata ta' €150. Din il-konċezzjoni tapplika biss sa' - 15 ta' Ottubru 2022. Dawk li ma jiddisponux mill-vettura tagħhom f'faċilita' awtorizzata wara - 16 ta' Ottubru 2022, se jkunu mitluba jħallsu miżata ta' €600 biex ineħħu r-reġistrazzjoni tal-karozza tagħhom.

4.4 Sid tal-vetturi li jghixu f'dar ta' l-anzjani, sptar mentali jew xi istituzzjoni ohra jkollhom l-multa amministrattiva mnehhija meta jigi ipprezentat certifkat/dikjarazzjoni mill-istituzzjoni rispettiva.

4.5 Persuni li ghandhom vettura bil-licenzji b' lura u li fuqa ghandhom l-arretrati pendent jigu mwaqfa milli jirregistraw jew jittrasferixxu vettura ohra fuq isimhom.

4.6 Eredi li jirrinunzjaw mil-wirt ta' sid il-vettura jkollhom il-multa amministrattiva ta' €125 mnehhija, meta jigu ipprezantati d-dokumenti kollha necessarji.